**Laqgha Numru 18/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha l-15 ta' Settembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-7 ta' Settembru 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza 46/5633/10/I specifikament dwar ir-recording tal-laghat fejn is-Sinjura Gemma Debono mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qed taghmel riferenza ghall-Artiklu 14 a (9) ta' l-ordnijiet permanenti fejn il-kelliem qal li l-artiklu jitkellem biss ghall-approvazzjoni permezz ta' mozzjoni biex il-Kunsill jirrekordja l-laqghat biex b'hekk jiffacilita u jkun qrib hafna lejn dak li jkun intqal fil-laqgha meta jsir l-abbozzar tal-Minuti però mkien m'hemm elenkat fil-ligi li jimpedixxi lil xi membru tal-Kunsill (Sindku, Vici Sindku u Kunsilliera) jew lill-pubbliku prezenti milli jirrekordja l-laqghat tal-Kunsill. Ghaldaqstant is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab kjarifika legali minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll minghand l-Avukat tal-Kunsill dwar dan il-punt.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u qalet li hija kienet qed tissekonda minhabba il-mod kif qed jigu rrapurtata l-Minuti kif ukoll minhabba li mhux qed taqbel ma' dak li qed jinkiteb fil-Minuti.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-ghad m'hemmx risposta cara minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali huwa mhux ser jirrekordja l-laqgha.

1.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ser jirrekordja l-laqgha permezz tar-recorder tal-Kunsill minflok il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, liema recorder qed jinzamm mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li b'riferenza ghall-parir moghti mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsilliera jistghu jinghataw kopja tar-recording tal-laqgha tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jixtri 5 pen drives sabiex wara l-laqgha l-Kunsilliera li jitolbu kopja tar-recoding tal-laqgha jkunu jistghu jinghataw kopja digitali tar-recording tal-laqgha mmedjatament kif tispicca kif ukoll sabiex tintuza ghal kull informazzjoni li jistghu jitolbu. Il-kelliem qal li huwa mportanti li r-recording jittiehed mill-ewwel sabiex ikun ghadu intatt u shih.

1.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li item 6.107 tkun emendata billi jinqatghu partijiet minnha.

1.10. Il-Minuti 18/K6/2010 gew emendati u inizjalati mis-Sindku Joe Zammit u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

1.11. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li wara li fuq il-gurnal l-Orizzont kien kwotat li huwa jkun fil-qamar, talab biex bejn item 2.26 u 2.27 jidhol il-kliem *'Hawnhekk il-Vici Sindku qal illi l-Kunsillier Lauro Fava qieghed isemmi l-idea li jinxtraw pendrives li qatt ma kienet tqajmet qabel waqt dawn id-diskussjonijiet. Il-Kunsillier Lauro Fava rrisponda illi dan id-diskors tqajjem fl-ahhar laqgha wara li l-Vici Sindku kien telaq mill-laqgha. Is-Sindku kkonferma dan. Il-Vici Sindku accetta dan u rtira l-kumment tieghu.'*

1.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 17/K6/2010 kif ipprezentati u emendati u bil-kumment tal-Kunsillier Lauro Fava.

1.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.15. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li meta jittiehed vot dan ghandu jittiehed skond kif gew eletti l-Kunsilliera fl-elezzjoni tal-Kunsill.

1.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.17. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn 3 membri tal-Kunsill ivvutaw favur filwaqt li 2 membri vvutaw kontra.

1.18. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 2.02 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jordna lapel pin tad-deheb minghand The Gold Market ghall-

prezz ta' €150.00, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan il-Kunsill kien ircieva email minghand Gemma Debono u ghalhekk qabel ma tkun iccarata, ix-xiri tal-lapel pin ghandu jkun imwaqqaf. Il-kelliem ghaldaqstant ippropona li l-Kunsill jikteb lid-LGD li l-lapel pin li qed issir riferenza ghaliha m'hijiex tas-Sindku izda badge li kien ta l-Kunsill lura fis-sena 2003 u sussegwentament lil kull membru tal-Kunsill elett gdid sabiex tintlibes f'okkazjonijiet ufficjali skond kif kien approva l-Kunsill.

2.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lis-sinjura Gemma Debono sabiex tinforma lill-Kunsill, x'kien u min kien li ghamel l-ilment li rcieva d-Dipartiment. Il-kelliema qalet li min kif graw l-affarijiet min ghamel l-ilment kien xi hadd minn fost il-Kunsill li hija thoss li kien gagbin u kodard u ghalhekk thoss li l-Kunsill ghandu dritt ikun jaf min ilmenta.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li jiehu gurament li huwa ma kienx il-persuna li ghamel dan l-ilment.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-sur Martin Bugelli fejn qalet l'iddispjaciha li s-Segretarju Ezekuttiv irraporta lid-Direttur Generali li hija kienet hadet kopja tad-dokument ta' l-attendenza meta huwa ma kienx fl-ufficcju. Il-kelliema kkwotat Artiklu 34.1 minn pagna 130 u Artiklu 53.6 minn pagna 29 ta' l-Att fejn qalet li bhala Kunsillier kellha kull dritt tiehu l-informazzjoni li hadet. Il-kelliema qalet li l-mistoqsija li ghamel is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg lis-sur Bugelli kienet frivola u staqsiet jekk ir-rapport li sar kienx forsi sar biex ihammigha. Il-kelliema qalet li r-rapport li sar, kien sar bil-mohbi u tal-misthija minn wara dahar il-membri tal-Kunsill.

2.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa qatt ma cahhad lil hadd ghal x'informazzjoni, izda l-informazzjoni li qed issir riferenza ghaliha ttiehdet minghajr huwa kien jaf wisq aktar ikkonsultat skond kif titlob l-etika u regolamenti. Il-kelliem qal li l-email li saret riferenza ghaliha ma kienx fiha akkuzi izda mistoqsija lid-Direttur Generali u ntbaghtet minn fuq l-email personali tieghu.

2.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellux informazzjoni li nhargu files tal-Kunsill u marru f'xi Kazini tal-politika.

2.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li sa fejn jaf huwa dan qatt ma sar kif ukoll li huwa jista' jirrispondi biss ghal dak li ghamel huwa fejn qal li huwa personali qatt ma kien ghamel dan.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk l-internal memo li kien ghamel riferenza ghaliha s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fil-laqgha precedenti dwar il-kaz ta' Bergen kienx hemm progress fuqha.

2.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li wara li kien ikkomunika mas-Sindku Joe Zammit, iva din l-Internal Memo kienet giet iccirkolata lil membri kollha tal-Kunsill.

2.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan is-suggett kien diskuss u maghluq fl-ahhar laqgha u ma jarax ghalha rega' nqala'. Il-kelliem qal li dan kien kaz ta' frodi fejn dokument ta' gemellagg gie ffirmat minghajr ma kien jaf il-Kunsill ghalkemm is-

Sindku kien ghamel apologija bil miktub. Il-kelliem qal li l-internal memo messu qatt ma gie ccirkolat ghax il-Kunsill kien accetta l-istqarrija ta' Sindku

2.15. iIs-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li kien infoma lis-Sindku Joe Zammit li jixtieq jiccerkola din l-internal memo biex ikun kollox car minnaha tieghu u dan minhabba l-fatt li din  ma tbiddel xejn minn kif graw l-affarijiet u mill-istqarrija li kien ghamel is-Sindku kif ukoll sabiex inehhi kull dubju minn fuqu bhala Segretarju Ezekuttiv apparti li kien fid-mir li jinforma lill-Kunsill dwar kif graw l-affarijiet.

2.16. Is Sindku Joe Zammit qal li ghalkemm fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li fl-ahhar laqgha kien hemm qbil milKunsill li ma hemmx ghalfejn jaghmel dan, ghalieh (Sindku) ma jsib l-ebda problema u ta' l-approvazzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iqassam din il–memo.

2.17. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 2.05, ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.62 u ghall-korrispondenza numru **46/4277/10/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir Festa Familja bil-partecipazzjoni tas-sezzjoni plant troop tal-Forzi Armati fejn issir open day u waqt din l-open day il-Kunsill jorganizza loghob ghall-familja u zjajjar kulturali fil-Forti ta' Pembroke, il-Batterija u l-Barracks tas-suldati, St. Hurts u l-Commonwealth Graves. Il-kelliem qal li din l-attivita' ghandha tkun miftuha ghall-pubbliku Malti, li l-attivita' ghandha ssir f'Marzu/April jew f'Mejju jew f'Ottubru kif ukoll li s-sur Matthew Micallef offra volontarjament li jghin f'din l-attivita' wara l-laqgha li saret mieghu, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li flimkien mas-Sindku Joe Zammit kienu lestew id-dokument ta' applikazzjoni ghall-fondi ta' din l-attivita'. Il-kelliem ippropona li din issir fit-30 ta' April 2011 kif ukoll li jigu nfurmata l-AFM. Il-kelliem qal li ser ikun hemm open day tal-Plant Troop, festa familja bil-kjosks ta' l-ikel u diversi tipi t'apparat u attivitajiet ghall-loghob u divertiment familjari, ser ikun hemm ukoll zjajjar madwar Pembroke tal-postijiet storici kif ukoll ippropona li jsir komunikat mal-lukandi tal-vicin b'din l-attivita' biex jithajru t-turisti. Il-kelliem qal li l-attivita' ser tigi ikkordinata minn sotto kumitat kif ukoll qal li l-Kunsill mhux ser johrog flus ghal din l-attivita'.

2.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li huwa mportanti li ma' l-applikazzjoni jigu sottomessa ukoll dettalji ta' kemm ser tigi tiswa l-attivita' kif ukoll programm dettaljat. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-finanzjament mid-Dipartiment huwa stmat li jkun sa massimu ta' € 10,000 kif ukoll li normalment id-Dipartiment ma jiffinanzjax l-ispiza kollha.

2.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat il-proposta tas-Sindku kif ukoll ziedet li jkun tajjeb li l-Kunsill jistaqsi halli jkun jaf kemm huwa mahsub li jkun irid johrog il-Kunsill f'kaz li l-proposta tkun approvata.

2.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.21. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 2.27 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jinxtraw 2 digital voice recorders sabiex jintuzaw minnu u mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u pen drive biex tintuza mill-Kunsillier Lauro Fava, liema apparat ghandu dejjem jibqa' propjeta' tal-Kunsill kif ukoll li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ser jibqa' jaghmel uzu mir-recorder li kien qed jintuza mill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'intant dan is-suggett kien gie diskuss aktar kmieni fil-laqgha.

2.22. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.16 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-HSBC jigu nfurmata li l-Kunsill jixtieq li tigi nstallata ATM fil-lokal, l'issir leaflet sabiex issir laqgha dwar is-servizzi ta' l-E-banking u jintalbu jghinu f'inizjattiva

ambjentali li l-Kunsill ghandu l-hsieb jaghmel ma' l-iskola Primarja ta' Pembroke billi jigu nstallati litter bins ghall-iskart irriciklat f'kull sular ta' l-iskola, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li saret l-ittra kif kien miftiehem mal-Greenpak halli jibghatu kwotazzjoni ta' dawn biex wara issir l-ittra/talba lill-HSBC ghal sponsor tal-bins ghall-iskola Primarja.

2.23. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.16 u ghall-korrispondenza numru **46/4817/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel artiklu u jintbaghat lill-gazzetti rigward l-inizjattiva li kien ha l-Kunsill meta wara l'iffirma l-Partnership/Friendship Agreement ma' Cetinje fil-Montenegro, kien strumentali biex laqqa' lid-delegazzjoni li gew mill-Montenegro mal-GRTU fost l-ohrajn u kien minn hawn li bdew ir-relazzjoni li waslet ghal dan l-avveniment, is-Sindku Joe Zammit qal li din kienu ghadu ma ghamiliex u jispera l'issir fil-jiem li gejjien u titqassam lill-Kunsilliera qabel ma tintbaghat ghall-istampa.

2.24. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.66 u ghall-korrispondenza numru **46/4948/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li bhala partners mas-Segretarjat ta' l-Onor. Chris Said f'din il-konferenza, il-Kunsill ghandu jikri vettura 7 seater ghal dawn it-tlett ijiem ta' xoghol u tragit tal-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv ghal matul din il-konferenza, is-Sindku Joe Zammit qal li jhoss li jkun aktar ghaqli u irhas jekk il-Kunsilliera jigu bil-vettura taghhom u jinghataw kumpens tal-biljett tal-vapur.

2.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tintalab kjarifika jekk jistax jinghata kumpens.

2.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ma kienx ser jattedni ghal din il-konferenza minhabba li l-mara tahdem u ma jkollux ma min ihalli t-tifla tieghu apparti li jekk jattendi l-mara ma tkunx tista' tmur ix-xoghol u jispicca jitlef il-flus minhabba li huwa ma jahdimx minhabba kaz ta' sahha.

2.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li mhux sewwa li l-Kunsilliera ser ikollhom ihalsu tal-partners taghhom sabiex jakkumpanjawhom ghal waqt il-konferenza.

2.28. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.104 u ghall-korrispondenza numru **46/5124/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrakkomanda li l-Kunsill isib post alternattiv sabiex tehel lampa tad-dawl fi Triq il-Fortizza, is-Sindku Joe Zammit qal li peress li z-zewg familji ndikata rrifjutaw, il-lampa m'ghandiex issir u ghalhekk issa m'hemmx bzonn il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta.

2.29. B'riferenza ghall-Minuti 17/K6/2010 item 12.33 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jipprepara programm ghall-mawra tal-President ta' Malta fil-lokal, is-Sindku Joe Zammit ressaq programm tal-mawra ghad-diskussjoni. **(Ara dokument A)**

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 66/2010** b'rapport vis-a-vis l-iffirmar tad-dokument ufficjali mibghut minn Bergen mis-Sindku Joe Zammit minghajr l-gharfien tal-Kunsill **(Ara dokument B); Internal Memo 67/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-kwotazzjonijiet 15, 16 u 17/2010 **(Ara dokument C); Internal Memo 70/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mal-BMW Group Malta u Muscat Motors **(Ara dokument D); Internal Memo 71/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mal-YWCA **(Ara dokument E); Internal Memo 72/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-AFM **(Ara dokument F); Internal Memo 73/2010**

b'rapport tal-laqgha li saret mal-Pulizija ta' l-Ghassa San Giljan **(Ara dokument G); Internal Memo 74/2010** b'rapport tal-fattura ta' Alternative Technologies Ltd. **(Ara dokument H); Internal Memo 75/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 17/K6/2010 u 18/K6/2010 **(Ara dokument I); Internal Memo 76/2010** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 17/K6/10 u 18/K6/10 **(Ara dokument J);** Sample tal-With Compliments **(Ara dokument K);** Rapport dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni minn xi familji bil-hrug ta' skart nhar ta' Tlieta **(Ara dokument L);** Kopja ta' flyer li ser jitqassam wara l-laqgha li saret mal-YWCA **(Ara dokument M u N);** Kopja ta' flyer li tqassam dwar attivita' li saret nhar il-11 ta' Settembru **(Ara dokument O);** Kopja tat-tender taz-Zamma u Manutenzjoni tar-Road Markings **(Ara dokument P); Internal Memo 77/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentant ta' Sprachcaffe **(Ara dokument Q); Internal Memo 78/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Johann Attard mill-OPM **(Ara dokument R); Internal Memo 79/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentanti ta' AIS Ltd. u Bata Byte Ltd. **(Ara dokument S) u Internal Memo 80/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentant tad-Dipartiment ghall-Libreriji Pubblici **(Ara dokument T).**

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-Internal Memo 67/2010 fejn qalet li ghad mhux sodisfatta minhabba li l-kliem m'huwiex fidili ghal dak li ntqal u ghalhekk mhux ser tiffirmha qabel tkun certa ghalkemm din kienet giet riveduta wara ilment minnaha taghha.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li saret ma' l-Onor. Chris Said fejn qal flimkien mieghu attendew il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, fejn qal li fil-laqgha huwa kien ipprezenta dokumenti li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna risposta taghhom fosthom il-legalita' tal-Bye Laws. Il-kelliem qal li tkellmu ukoll rigward il-kuntatti li jistghu isiru meta jkun hawn il-konferenza ta' l-ECAD bhall fil-kaz tat-talba minn Vidin li tqajmet fl-ahhar laqgha fejn qal li l-Onor. Said infurmah li kull stedina l'issir trid issir formali u f'dan il-kaz ma tinharigx mill-vot tal-gemellagg izda jekk miz-zjara l'issir jinbed il-hsieb biex ikun hemm xi xorta ta' ftehim ghall-partnership, friendship jew gemellagg, l-ispejjez iridu jsiru taht ir-regoli li jirregolaw il-Gemmellagg. Il-kelliem qal li saru ukoll lill-Ministru xi mistoqsijiet generali fuq l-andament tax-xoghol u l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

4.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma kienx prezenti ghal din il-laqgha, ghax ftit minuti qabel il-laqgha, permezz ta' SMS gie mitlub mis-Sindku Joe Zammit sabiex ma jattendiex.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-26 ta' Awwissu u l-15 ta' Settembru 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5168/10/I** 23/08/2010 Ittra mill-MEPA fejn baghtu lista ta' applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA 00841/10 – To construct public hall, Joe Zammit obo Pembroke Local Council.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5168/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5241/10/I** 26/08/2010 Ittra minghand Transport Malta fejn qed jissugerixxu lill-Kunsill sabiex jibghat Gwardjani Lokali ghand is-sinjura Sophie Fsadni li toqghod 88, Triq Giuseppe Malfeggiani, Pembroke minhabba li jipparkjawlha quddiem il-garaxx taghha.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5241/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lir-residenta li meta jkun hemm inkonvenjent jew ikun hemm xi zgombru hija ghandha taghmel komunikat mal-Pulizija.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li meta jkun hemm ilmenti mir-resident dawn ghandhom jinghataw twegiba bil-miktub.

**46/5242/10/I** 26/08/2010 Ittra minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-parkegg quddiem il-garaxx numru 4 fi Triq Patri Indri Vella nformaw lill-Kunsill li ma jistghux ikomplu bit-talba minhabba li l-persuna koncernata diga ghandha 'Garage in Use'

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5242/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat kopja lir-resident koncernat u jigi nfurmat li ma jistax johloq ostaklu fit-triq.

6.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5265/10/I** 27/08/2010 Kwotazzjoni minghand J&K Contractors ta' €929.00 ghal tnehhija ta' kull outcrops li hemm fi Triq Mikiel Ang Grima, Triq Dun Amabile Sisner, Triq Madre Margherita de Brincat u Triq Camillo Sciberras.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5265/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur sabiex jigi diskuss ix-xoghol involut qabel ma l-Kunsill jiddeciedi li jsir ix-xoghol anke fid-dawl li l-Kunsill irid jikkunsidra li minbarra din in-nefqa hemm bzonn nefqa ohra sabiex isir it-tarmak.

6.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg issuggerixxa li stimi simili ghandhom isiru mill-Perit tal-Kunsill bhala l-persuna teknika u professjonali.

6.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-istimi tal-kuntrattur qed ikollhom prezzijiet gholja u hemm bzonn li l-prezzijiet ikunu aktar dettaljati.

**46/5266/10/I** 27/08/2010 Stima minghand J&K Contractors ghall-bini ta' hajt divizorju bejn l-iskola tal-Verdala u l-ufficcju tal-Kunsill ghall-prezz ta' €22,006.10.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5266/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba l-ispiza esagerata ghal dan ix-xoghol ghandha tinkiteb ittra

lill-Ministru G. Pullicino fejn il-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Ministru bhal ma kien jigri fil-passat fejn il-Kunsill jipprovdi l-materjal u l-Ministeru jipprovdi l-haddiema, skema li kienet hadmet meta sar ix-xoghol tal-bankina madwar il-Batterija ta' Pembroke.

6.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5267/10/I** 27/08/2010 Ittra mill-Ufficcju tal-President fejn irringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-ittra li baghat u talbu sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt ma' l-ufficcju tal-President hekk kif tigi mhabbra d-data taz-zjara statali mill-President tal-Montenegro.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5267/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jiehu nota taghha ukoll.

**46/5271/10/I** 27/08/2010 Memo 119/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Green Challenge and Community Involvement Awards.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5271/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma jidhirx li hemm lok li l-Kunsill jippartecipa.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala m'hemmx lok li l-Kunsill jippartecipa.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit qal li hemm hafna xoghol involut biex din issir.

**46/5300/10/I** 30/08/2010 Kopja ta' ittra li l-Ambaxxata Ciniza baghtu lill-Onor. Dr. Chris Said fejn talbu l-ghajnuna u s-sapport tieghu sabiex jinghata l-permess ghall-gemellagg bejn Shilin u l-Kunsill ta' San Giljan u Anning mal-Kunsill ta' Pembroke.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5300/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din tqajmet ukoll fil-laqgha ma' l-Onor. Dr Said fejn qal li kienu gew infurmata li l-Kunsill ser ikollu risposta fil-futur qarib flimkien ukoll mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan.

**46/5308/10/I** 30/08/2010 E-mail minghand il-GWU fejn b'riferenza ghall-laqgha bejn l-Union u l-Kunsill talab sabiex il-Kunsill jibghat l-agenda u nforma lill-Kunsill illi l-laqghat bejn l-Union u l-Kunsill normalment isiru bejn s-Segretarju tal-Union u rapprezentant tal-impjegati ghan-naha tal-Union u s-Sindku u ufficjal iehor ghall-Kunsill.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5308/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghal din il-laqgha ser jattendu huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal li kull Kunsillier li jixtieq iressaq xi punti ghall-attenzjoni ta' l-Union huwa mitlub li jikkomunika mas-Sindku. il-kelliem qal li ghall-laqgha ser ikunu prezenti huma u r-rapprezentant tal-GWU biss.

6.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-aktar punt interessanti huwa l-hinijiet tax-xoghol tas-Sajf.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li tixtieq li l-Union tigi mistoqsija jekk huwiex ragonevoli li s-Segretarju Ezekuttiv ikun fl-istess Union ta' l-iskrivani. Dwar il-hin tal-laqgha l-kelliema qalet li sta ghas-Sindku f'liema hin ser issir minhabba li l-Kunsilliera m'humiex mistiedna ghall-laqgha.

6.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha mal-GWU ser tintalab l'issir nhar il-Gimgha 17 ta' Settembru 2010 fil-11.45am fl-ufficcju tal-GWU.

6.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' irrefera ghall-hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati fejn qal dawn mhux ser jahdmu bizzejjed sieghat vis-a-vis il-hinijiet tas-Sajf.

6.28. Is-Sindku Joe Zammit qal li bejn Ottubru u Dicembru jidher li mhux ser ikopri l-hinijiet nieqsa tas-Sajf.

6.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li huwa kien ipprezenta lill-Kunsill bil-hinijiet kollha ta' kif qed jinhadmu s-sieghat li jkopru bejn Jannar u Dicembru.

6.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-mozzjoni dwar il-hinijiet tax-xoghol tas-Sajf ta' l-impjegati qatt ma kienet giet ipprezentata ghall-vot u ghalhekk dawn kienu ittiehdu minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kelliema qalet li l-hin tal-break ma jistax jintmiss.

6.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-hinijiet kienu stabbiliti inkluz 15 il-minuta break.

6.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-hinijiet li hamdu l-impjegati hadmuhom minn jeddhom minhabba li ma kienx hemm decizjoni tal-Kunsill.

6.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar li li huwa kien mexa fuq struzzjonijiet tas-Sindku Joe Zammit, tal-Kunsillier Lauro Fava u tal-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem rega' tenna li kien is-Sindku Joe Zammit li m'ghaddiex il-mozzjoni ghall-vot lura f'Dicembru 2009 kif ukoll tenna li ma jistax jifhem kif is-Sindku ma jikkumentax u jibqa' passiv quddiem kummenti dwar il-hinijiet li jahdmu l-impjegati meta huwa mhux l-ewwel darba li kien il-Kunsill bejn il-hin ta' 12.00pm u 1.00pm u ghalhekk jaf jekk l-impjegati jkunux bil-break jew le. Il-kelliem fakkar lis-Sindku wkoll li meta huwa kien ilmenta mieghu li l-mozzjoni m'ghaddietx ghall-vot huwa kien inghata l-parir minghandu li jaghti l-kaz ir-rakkomandazzjoni tal-maggoranza tal-Kunsilliera, jahdem is-sieghat iz-zejda u jistenna sa ma' jigi lura l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex terga' titressaq.

6.34. Is-Sindku Joe Zammit rega' tenna li hekk kien diskuss fil-laqgha ta' Dicembru u qal li b'dispjacir xejn minn dak li kien ghadu kif intqal ma kien jirrizulta mill-Minuti tal-Kunsill. Il-kelliem qal li jghodd huma d-decizjonijiet tal-Kunsill izda qal ukoll li huwa qatt ma cahad li l-kliem kien intqal izda qatt ma tnizzel fil-Minuti.

6.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma' l-Union huwa biss kien deher ikrah.

6.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fuq artiklu li deher fuq l-Orizzont kien hemm l-isem taghha dwar dan il-kaz. Il-kelliema qalet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg huwa fid-dmir li jara li kull mozzjoni li titressaq, tigi ghall-vot u jekk ma jaghmilx hekk ikun qed jabdika minn xoghlu.

6.37. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg katigorigament cahad li huwa kellu x'jaqsam mar-rapport li deher fuq l-Orizzont. Il-kelliem fakkar li huwa kien ghamel pressjoni sabiex jittiehed vot, izda l-vot ma' ittiehedx.

**46/5319/10/I** 30/08/2010 E-mail minghand is-Sinjura Miriam Debattista fejn infurmat lill-Kunsill dwar hsarat, telqa u nuqqas ta' regoli li hemm specjalment f'Sit A.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5319/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma jsir minn zmien ghal zmien ghandha tintbaghat cirkulari lir-residenti biex jigu nfurmata minn xi nuqqasijiet li jsiru u jintalbu jikkoperaw bejniethom ghall-hajja ahjar.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat ukoll lill-Ministru Dolores Cristina u lic-Chairman ta' l-Awtorita' tad-Djar inkluz li r-residenti ghandhom jigu mhegga jzommu mal-ligi tal-kondominju fejn jinfurmaw lill-Kunsill bil-persuni responsabbli halli l-Kunsill izomm kuntatt maghhom.

6.42. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien hemm ilmenti li fl-akwati qed ikun hemm hafna skart fil-postijiet pubblici.

**46/5368/10/I** 01/09/2010 Ittra mill-Enemalta fejn b'riferenza ghall-installazzjoni tal-PV qed jistaqsu l-Kunsill jekk iridx japplika ghall-iskema Feed-in-Tariff fejn wiehed jista' jmur jigbor il-ftehim mit-Tnejn sal-Gimgha sal-10 ta' Settembru bejn l-10.00am u s-1.00pm.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5368/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li la darba l-Kunsill kien applika ghall-arlogg tal-dawl tal-PV ikun ghaqli li s-sistema tkun fuq il-feed in tariff.

6.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5369/10/I** 01/09/2010 Twissija lis-Segretarju mis-Sindku Joe Zammit sabiex meta jiehu hin off apparti milli jinforma lis-Sindku jigu nfurmata ukoll 2 Kunsilliera ohra fosthom il-Vici Sindku.

**46/5467/10/I** 06/09/2010 **46/5472/10/I** 06/09/2010 L-Oggezzjoni tal-GWU dwar it-twissija mahruga mis-Sindku lis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-vacation leave inkluz estratt tal-ftehim kollettiv dwar kif Segretarju Ezekuttiv ghandu japplika ghall-vacation leave.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5369/10/I, 46/5467/10/I u 46/5472/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan il-punt il-Kunsill gie nfurmat mill-GWU li l-vacation leave tas-Segretarju Ezekuttiv jigi approvat biss mis-Sindku bhala l-kap tal-Kunsill u mhux accettabbli li jkun infurmat xi hadd iehor ghall-permess. Il-kelliem informa lill-Kunsill li ha jaderixxi ma' dan. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-argument huwa, li ghalkemm ghall-beneficcju tad-dubju kif qal is-Segretarju Ezekuttiv, huwa kien informa lis-Sindku, il-fatt jibqa' li l-vacation leave ma kienx iffirmat u la darba kien hawn prezenti Kunsillier kien imissu per kortezija u ghall-korrettezza jitlob il-permess tal-Kunsillier li hiereg bil-vacation leave. Il-kelliem qal li jekk ikun hemm bzonn vacation leave u ma jinstabx is-Sindku biex ikun approvat, qal li jifhem li ghandu jkun hemm komunikat ma' xi hadd mill-Kunsillieri ghall-permess u kwazi f'hafna drabi l-Vici Sindku jkun il-Kunsill, u qal li hekk ghandu isir. Is-Sindku Joe Zammit minnaha l-ohra talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex meta jibghat il-lista ta' laqghat lill-Kunsilliera jibghat ukoll xi jkun hemm vacation leave ibbukjat u approvat halli l-Kunsilieri jkunu jafu. Finalment il-kelliem qal li huwa ma jhossx li ghandu jirtira din it-twissija li harget fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmha li kien hiereg izda ma kienx infurmha li kien bil-vacation leave. Il-kelliema qalet li kellha kommunikat mas-Sindku Joe Zammit u staqsietu jekk kellux xi qadi fuq barra. Il-kelliema qalet li l-kwistjoni kollha kienet li l-formola kienet imtliet izda ma gietx iffirmata mis-Sindku izda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmat u s-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx jaf. Il-kelliema qalet li hija qatt ma talbet li jintalab il-permess taghha izda qalet li thoss li ghandha

nkun infurmata. Il-kelliema qalet l-istess jigri meta jinbidel ix-xift bejn l-iskrivana fejn il-Kunsilliera ma jkunux jafu min imissu xoghol nhar ta' Sibt.

6.48. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ma kienx infurmat li s-Sibt li ghaddha l-iskrivana kienu bidlu l-gurnata tax-xoghol bejniethom.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lis-Sindku jekk kienx ha xi tip ta' azzjoni.

6.50. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma ha ebda azzjoni.

6.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li ma kienx jaf li kien hemm x'ilment apparti l-fatt li l-unika tibdil li kien hemm bejn l-iskrivana kien meta wahda minnhom kellha bzonnijiet medici u hadmu ghal xulxin.

6.52. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg rrefera ghall-kummenti tas-Sindku dwar il-karti tal-vacation leave fejn qal li ma jistax jifhem kif minn mijjiet ta' karti, tieghu biss nesa jiffirma li kienet ilha pendenti ghal granet shah. Il-kelliem fakkar lis-Sindku wkoll li huwa kien infurmah permezz ta' SMS li wara l-mistoqsijiet li kellu minghand l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat wara li kienu ltaqghu ghall-quddiesa b'sufragju ghall-ruh mart l-ex Kunsillier Joe Brincat, l-ghada kellu jmur il-Kunsill u jiffirma l-formola izda b'kumbinazzjoni dan ma sarx u ftit tal-hin wara waqt li huwa u s-Sindku kienu l-Belt jattendu ghal seminar, l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli marru l-Kunsill u sabu li t-talba tal-vacation leave ma kienetx iffirmata mis-Sindku.

6.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lis-Sindku Joe Zammit li huwa kien haliflu li meta kienu flimkien is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ma kienx infurmah li kien talab il-permess ghal-vacation leave.

6.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet ma thossx li l-warning ghandha tigi rtirata jekk is-Sindku kien halef mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li ma kienx jaf.

6.55. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ma jridx jargumenta aktar ghax jista' jkun li ghall-beneficju tad-dubju kien infurmat mis-Segretarju Ezekuttiv u ghalhekk f'dan l-istadju mhux ser jinsisti aktar u ghalhekk informa lill-Kunsill li t-twissija li hareg kienet qed tigi rtirata u talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex josserva li l-leave ikun dejjem iffirmat.

**46/5394/10/I** 02/09/2010 E-mail minghand l-AKL fejn b'riferenza ghall-progett HENCE informaw lill-Kunsilli bil-laqgha li ser issir f'Rosegg, fl-Awstrija li ser issir fil-11 u t-12 ta' Novembru 2010 tluq minn Malta fl-10 u jigu lura fit-13 ta' Novembru nformaw lill-Kunsilli li n-nominazzjonijiet jaghlqu fl-10 ta' Settembru 2010.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5394/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li z-zmien ta' l-applikazzjonijiet kien ghalaq.

**46/5401/10/I** 02/09/2010 E-mail minghand is-Sur Mark Sansone fejn informa lill-Kunsill li ser ikunu ghaddejjin b'filming ta' film bl-isem 'The Fisherman' u qed jitlob lill-Kunsill sabiex juzaw il-parkegg ta' fejn Pembroke Athleta nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru fejn ser isir filming fil-White Rocks u t-Tnejn 4 ta' Ottubru fir-ranges.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5401/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jisbx oggezzjoni ghall-parkegg ta' vetturi fil-parkegg ta' quddiem il-Pembroke Athleta, li jhallu l-post nadif matul iz-zmien li jintuza u wara li jitilqu, u li jhallu access hieles ghad-dhul ghall-grawnd ta' Pembroke Athleta.

6.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5402/10/I** 02/09/2010 E-mail minghand il-Perit ta' Pembroke Athleta Sports Club bi pjanta tal-parking ta' quddiem il-klabb.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5402/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jithaffef ix-xoghol li ser isir.

6.61. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5409/10/I** 02/09/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, Memo 120/2010 - Uzu ta' Laptops.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5409/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din harget wara l-kaz li kien hemm tas-Sindku taz-Zebbug Ghawdex.

**46/5411/10/I** 02/09/2010 E-mail mill-AKL fejn informaw lill-Kunsilli li l-hlas dovut lill-Enemalta se jibqa' kif kien qabel ta' €233 (Lm100) fis-sena.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5411/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5431/10/I** 03/09/2010 Ittra minghand il-librar Simon Cutajar jinforma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 25 ta' Settembru ma jistax jiftah il-librerija.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5431/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu japprova t-talba tal-librar.

6.66. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5444/10/O** 03/09/2010 E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-Sindku Joe Zammit dwar il-kuntratt ta' l-iskart fejn qed jigi ndikat li l-kuntrattur mhux qed imur ta' kuljum ibattal l-iskart il-Maghtab.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5444/10/O** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien gie nfurmat u issa qed jaderixxi ma' dak mitlub minnhu. Il-kelliem qal ukoll li bhalissa mal-kuntrattur qed ikun hemm prezenti mieghu l-inspector kif kien maqbul ma' WasteServ Ltd. ghall-perjodu ta' gimgha biex il-Kunsilli jaraw ezatt kull lokalita' x'qed tiggenera bhala skart.

6.69. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-kuntrattur fl-iskips qed isib anke materjal tal-kostruzzjoni u hadid.

6.70. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntratt jghid li l-iskart kollu li jkun hemm madwar l-iskip ghandu jingabar. Il-kelliem irrefera wkoll lill-Kunsill ghar-risposta ta' l-Avukat li rrefera ghall-artikli li hemm fid-dokument tal-kuntratt.

6.71. Hawn qamet diskussjoni dwar l-interpretazzjoni ta' *'waste generated from household'* u *'other waste'* kif indikata fit-tender.

6.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li volontarjament il-kuntrattur Shawn Farrugia jigbor skart li jkun hemm biswit l-iskips, jiddepositah biswit il-Kunsill u jingabar mil-kuntrattur tal-Bulky Refuse.

6.73. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li minhabba nuqqas ta’ twegibiet konkreti minnaha ta’ l-Avukat, ghandu jerga’ johrog mill-gdid il-kuntratt tas-servizz ta’ l-Avukat.

6.74. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Sindku Joe Zammit rrakkomandaw li ghandha issir laqgha ma’ l-avukat biex il-Kunsill jara ghaliex dan id-dewmien.

6.75. Wara disukssjoni l-Kunsillier Vella Brincat ipproponiet li l-Avukat ghandu jinghata Default Notice kif ukoll tintalab laqgha mieghu sabiex jigi spjegat lilu ghala inghatat id-Default Notice minhabba li jidher li huwa mhabbat sabiex jaghti r-risposti lill-Kunsill.

6.76. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.77. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Sindku Joe Zammit qalu li jixtiequ jiltaqghu mieghu qabel u talbu lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex temenda l-mozzjoni taghha.

6.78. Il-Kunsillier Vella Brincat sostniet li la kien hemm sekondant il-mozjoni ghandha tghaddi ghall-vot.

6.79. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra u l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

6.80. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.81. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ivvota kontra minhabba li huwa kien jaqbel li l-ewwel issir il-laqgha u wara jara l-Kunsill x’jaghmel jekk tinharigx Default Notice jew le.

**46/5445/10/I** 03/09/2010 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jistaqsu mistoqsijiet dwar il-Fixed Asset Register.

6.82. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5445/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv qed jiehu hsieb din il-materja.

6.83. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li xi gimghat ilu huwa kien irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-Accountant sabiex isir process u jigu rrangati xi affarijiet fil-Fixed Asset Registry, l’izda l-Kunsill ghadu m’approvax.

**46/5447/10/I** 03/09/2010 — Memo 121/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011.

6.84. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5447/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif spjegat aktar kmieni huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu lestew l-applikazzjoni ghall-Jum Festa Familja fil-lokal.

**46/5464/10/I** 06/09/2010 — Ittra minghand l-OPM jinfurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar PPP fuq it-toroq, l-applikazzjoni tal-Kunsill ser tkun fl-ahhar tal-lista li qed jigu evalwata.

6.85. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5464/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5489/10/I** 06/09/2010 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitolbu l-kummenti tal-Kunsill dwar id-Draft Public Playgrounds Safety Standard.

6.86. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5489/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab direzzjoni minghand il-Kunsill.

6.88. Kien hemm qbil li d-dokument ghandu jerga' jigi ccirkolat lill-membri tal-Kunsill ghall-kummenti taghhom.

**46/5492/10/I** 06/09/2010 Ittra minghand il-Familja Dimech jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex ikun hemm parkegg riservat nhar id-9 ta' Ottubru minhabba t-tieg tat-tifla taghhom.

6.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5492/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghti permess sabiex ikun hemm 3 postijiet riservata fi Triq Sir Luigi Preziosi ghall-vettura ta' l-gharusa nhar il-gurnata tat-tieg.

6.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5497/10/I** 06/09/2010 E-mail minghand ITS Limited jinfurmaw lill-Kunsill li hareg l-Upgrade tas-Sage u li l-Kunsill huwa ntitolat ghalih minghajr hlas l-izda jkun hemm hlas biss ghall-installazzjoni.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5497/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.93. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk dan l-upgrade huwiex ser isir jew le.

6.94. Kien hemm qbil li dan isir jekk l-ispiza ma tkunx t'aktar minn € 50.00 u jekk iktar ghandu jerga jinforma lill-Kunsill.

**46/5504/10/I** 07/09/2010 Kwotazzjoni minghand Novitas ghal servizz ta' tilqim ta' l-influwenza.
**46/5636/10/I** 14/09/2010

6.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5504/10/I u 46/5636/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li titqabbad il-kumpanija Novitas sabiex toffri servizz ta' nurse ghat-tilqim ta' l-influwenza ghall-prezz ta' € 14 kull siegha b'minimu ta' 3 sieghat.

6.96. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5509/10/I** 07/09/2010 Ittra minghand Bay Street jitolbu l-ghajnuna organizzattiva tal-Kunsill sabiex tigi organizzata girja f'gheluq l-10 anniversarju tal-Kumpless Bay Street.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5509/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ser jiltaqa' mas-sur Martin Sapiano fil-jiem li gejja.

**46/5512/10/I** 07/09/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit jinforma lis-Segretraju Ezekuttiv li sa 4 t'ijiem qabel il-Konferenza ta' l-ECAD, il-laqgha tal-progett MED u l-progett dwar it-Town Twinning mhux ser jigi awtorizzat vacation leave.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5512/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal l'inharget biss approvazzjoni ghal 20 ta' Settembru minhabba li l-applikazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv kienet diga giet approvata. Il-kelliem ippropona li tigi approvata din id-direttiva.

6.100. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.101. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5513/10/I** 07/09/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex il-Kunsill izomm lista tal-persuni li jixtiequ jixtru l-ktieb tal-Kunsill.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5513/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din il-proposta.

6.103. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.105. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill izomm lista ta' persuni li jkunu qed jaghmlu progetti ta' System of Knowledge u jekk ma jsibux oggezzjoni jipprezentaw kopja tar-rapport li jaghmlu, ghar-records fil-Kunsill. Il-kelliema qalet li l-quddiem il-Kunsill forsi jkun jista' jaghmel attivita' u jistieden lil dawn il-persuni fejn jigu esebita dawn il-progetti.

6.106. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.107. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5536/10/I** 09/09/2010 Ittra minghand il-Familja Cutajar tinforma lill-Kunsill li qed toggezzjona li tehel lampa tad-dawl mad-dar taghhom.

6.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5536/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5538/10/I** 09/09/2010 Stima minghand J&K Contractors sabiex issir pjattaforma tal-konkos ghal sit ta' Bring in Site fi Triq Burma ghall-prezz ta' € 1,053.60.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5538/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima u jsir ix-xoghol mitlub ghalkemm il-Kunsill ghandu jiccekja minhabba li qal li sa fejn jaf huwa ma hemmx htiega li jintuza JCB ghax l-art hija livellata naturalment u ghalhekk m'hemmx bzonn t'intervent. Il-kelliem ippropona ukoll li tinhareg il-works order necessarja.

6.110. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk hemm dubji bhal dawn il-Kunsill missu jikkunsulta mal-Perit tal-Kunsill.

6.111. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.112. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5539/10/I** 09/09/2010 Stima minghand J&K Contractors ghall-manutenzjoni ta' hajt fi Triq Burma ghall-prezz ta' € 434.40.

6.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5539/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima nkluz li tinhareg il-works order necessarja.

6.114. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.115. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5556/10/I** 09/09/2010 E-mail minghand il-YWCA jinfurmaw lill-Kunsill b'inizjattivi li qed jiehdu favur is-single parents nisa.

6.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5556/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghall-laqgha flimkien mieghu kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Il-kelliem qal li konxji mill-bzonn tal-

familji single parents, fejn f'Pembroke hemm hafna, ippropona li jsiru kopji tal-fuljett informattiv sabiex jitqassam fid-djar tal-lokal.

6.117. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.118. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5558/10/I** 09/09/2010 Ittra minghand l-Ing. Vincent Rapa jinforma lill-Kunsill li l-kont ta' Alternative Technologies Ltd. ma jistax jiġi approvat minhabba li l-VAT qed tintalab darbtejn fil-kont.

6.119. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5558/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv qed jiehu hsieb din il-materja bhala l-persuna responsabbli mill-finanzi tal-Kunsill.

6.120. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku li huwa kien ipprezenta rapport lill-Kunsill, Internal memo 74/2010, u ghalhekk issa sta ghall-Kunsill x'decizjoni ser jiehu. Il-kelliem ta' spjegazzjoni tar-rapport li kien gie ppreparat.

6.121. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rrimarkat li l-Kunsill missu lanqas biss accetta d-dokument ta' l-offerta tal-Kumpanija Alternative Technologies minhabba li kien hemm zbalji fl-offerta u kellu dokumenti mhux mimlija kollha. Il-kelliema hegget li meta jkun hemm offerti li jkollhom prezzijiet li ma jinkludux Vat, dawn m'ghandhomx jigu accettata inkluz

6.122. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu parir legali.

6.123. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.124. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5571/10/I** 09/09/2010 Memo 122/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Ikliet/Ricevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

6.125. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5571/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.126. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel ikla ghall-membri tal-Kunsill fi zmien il-Milied skond il-memo tad-dipartiment.

6.127. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.128. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5578/10/I** 10/09/2010 Ittra minghand GreenPak jinfurmaw lill-Kunsill li l-iskart nhar ta' Tlieta jsir xorta wahda meta tkun festa pubblika.

6.129. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5578/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5585/10/I** 10/09/2010 Proposta minghand is-Sindku Joe Zammit bi programm ghall-mawra tal-President ta' Malta.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5585/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova d-dokument propost kif ipprezentat u jintbaghat lill-Ufficcju tal-President. **(Ara dokument A)**

6.131. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk il-persuna u l-entitajiet kollha li qed issir riferenza ghalihom fil-programm sarx kuntatt maghhom u accettawx l-invit u dan qabel ma jintbaghat lill-Ufficcju tal-President ta' Malta.

6.132. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandu jsir komunikat ma' kull min huwa nvolut wara li jigi accettat il-programm mill-Ufficcju tal-President.

6.133. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.134. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistaqsi lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jekk fid-dawl tar-regolamenti li ghadhom kif gew imhabbra, il-Kunsill jistax jaghmel bibita ghar-residenti meta jigi l-President.

6.135. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li jekk ir-risposta tkun fin-negattiv il-Kunsill ghandu jikkomunika mal-lukandi tal-vicin fejn tintalab l-ghajnuna taghhom.

6.136. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5591/10/I** 10/09/2010 Kwotazzjoni minghand Inserv Printing Ltd. ghall-kwotazzjoni ta' A5 letter heads.

6.137. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5591/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.138. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk humiex ser jigu ordnati dawn it-tip ta' letterheads minhabba li l-kwotazzjoni kienet intalbet fuq talba tas-Sindku Joe Zammit, tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.139. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-kumpanija tintalab tipprovdi sample.

6.140. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk il-Kunsill kellux flus ghax-xiri ta' dawn il-karti.

6.141. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb li kien ghad fadal xi flus fil-vot allokat kif ukoll li l-kumpanija diga kienet provdiet sample tax-xoghol li taghmel minhabba li l-Kunsill kien ghadu kif stampa eluf ta' letterheads.

6.142. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xorta insistiet li l-Kunsill jinghata sample fuq karta bajda u mhux riciklata.

**46/5592/10/I** 10/09/2010 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Premjijiet Nazzjonali ghall-Appogg lill-Intraprizi.

6.143. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5592/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera ghalkemm ma jidhirx li l-Kunsill ghandu x'interess li jippartecipa f'dan il-programm.

6.144. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jerga' jinghata kopja tal-korrispondenza.

**46/5594/10/I** 10/09/2010 Kopja tal-ftehim kollettiv tas-Segretarji Ezekuttivi minghand il-GWU.

6.145. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5594/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab li kopja tad-dokument jitpogga fl-ufficcju tal-kunsilliera.

6.146. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li dan id-dokument kien inghata lill-Kunsilliera snin ilu kif ukoll li kopja tieghu diga kienet tinstab fl-ufficcju tal-Kunsilliera sa minn meta l-Kunsill kien inghata kopja tieghu lura fis-sena 2007.

6.147. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tkun infurmata dwar jekk kienx hemm xi update tieghu.

6.148. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ukoll kien ser jigi diskuss ma' l-GWU.

**46/5603/10/I** 10/09/2010 Ittra minghand l-Malta Communication Authority jinfurmaw lill-Kunsill li ser issir spezzjoni sabiex jigi nstallat WiFi fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.149. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5603/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.150. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ispezzjoni saret fil-jiem li ghaddew fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn zaru l-post u kien hemm qbil minn fejn ser jinghata s-supply tat-telefon. Il-kelliem informa lill-Kunsill li hemm bzonn xi xoghol zghir x'isir li wara komunikat konsultazzjoni mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jidher li dan ix-xoghol jista' jsir mill-persuni assenjati mal-Kunsill mill-ETC.

**46/5630/10/I** 14/09/2010 Stedina mill-Banda Stella Maris biex nistiednu tfal/zghazagh biex jitghalmu is-sena ta' l-istrumenti tal-banda, liema taghlim qed jigi offrut b'xejn.

6.151. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5630/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill iqassam din il-leaflet kulturali u edukattiva fid-djar tal-lokal.

6.152. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.153. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsilliera ghall-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-LES. Il-kelliem qal li kull min kien inghata tahrika konnessa ma' l-uzu ta' l-iskips kien ser jircievi ittra ta' twissija u mhux ser jinghata multa. Il-kelliem qal ukoll li l-Kumitat Kongunt kien qed jiehu hsieb il-provvista ta' stickers li ser jitwahhlu ma' kull bin on wheel. Is-Sindku Joe Zammit qal li minn Jannar 2011 ser jibda jiffunzja l-Kumitat Regjonali fejn ic-citazzjonijiet mhux ser jibqghu jinhargu fuq il-Kunsilli partikulari izda fuq ir-Regjun.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser issir diskussjoni dwar il-programm t'attivitajiet ghal zmien il-Milied.

8.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet sabiex isir dawl dekorattiv fi Triq Normandy u madwar il-Kunsill fi zmien il-Milied bhal ma sar is-sena ta' qabel.

8.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir attivita' socjali filghodu f'Ottubru /Novembru. Il-kelliem qal li l-kwotazzjonijiet necessarja u aktar dettalji jithabbru aktar il-quddiem.

8.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 59/2010 u 63/2010.

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jissospendi l-laqgha halli jkun jista' jiltaqa' l-Bord ta' Ghazla dwar Kwotazzjonijiet 15 u 16/2010.

9.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.05. Il-laqgha giet sospiza fl-10.00pm.***

***9.06. Il-laqgha tkompliet fl-10.15pm.***

9.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 15/2010 – Servizz ta' Accountant** il-Kunsill ghandu jiehu decizjoni wara li l-Kunsill ikun ircieva risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li ghalissa jitkompla s-servizz li hemm bhalissa.

9.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 16/2010 – Supply, install, commission of Palm Reader** il-Kunsill jaghzel l-offerta ta' AIS Limited ghall-prezz ta' €1,593.00 abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li x-xiri jsir meta l-Kunsill ikollu l-fondi disponibbli.

9.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument U u V)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr ta' Alternative Technologies Ltd. sakemm tkun iccarata l-problema li hemm kif ukoll li l-kont tal-MEPA ghandu jibqa' pendenti.

10.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu cans sa l-ahhar ta' Settembru sabiex ihallas il-kont tal-MEPA inkella l-mizati ser joghlew bir-rati l-godda.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat esigiet li tibda tinghata kopja ta' kull invoice li jkun hemm ghall-approvazzjoni. Il-kelliema staqsiet ukoll jekk il-Kunsill jixtrix il-gazzetti ta' nhar ta' Hadd.

10.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-gazzetti ta' nhar ta' Hadd ilhom jinxtraw snin.

10.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma tarax il-htiega li jinxtraw il-gurnali ta' nhar ta' Hadd.

10.07. Ghalkemm ma kienx hemm mozzjoni, il-membri tal-Kunsill li kienu prezenti qablu ma dan.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-approvazzjoni tal-kontijiet.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lil Trasport Malta fejn issir talba sabiex il-upgrading tal-junction li hemm bejn Triq San Patrizju u Triq Sant'Andrija nkluz il-bicca triq gdida li ser issir tigi estiza ghal quddiem il-garaxx tal-Pulizija jigifieri faccata ta' Triq Giorgio Mitrovich.

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill jiddentifika procedura dwar it-talbiet li jsiru minn zmien ghal zmien sabiex isiru BBQ's fil-lokal.

11.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Kunsill ghandu jkollu Bye Law dwar il-BBQ's.

11.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jhalli li jsiru mkien BBQ's fil-lokal ghajr fuq il-pjattaforma li hemm quddiem l-ITS faccata tat-Torri tal-Madlien u jintalbu kontribuzzjoni ta' € 6.99 bhal ma jigri meta ssir attivita'.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Is-Sindku Joe Zammit talab li l-Kunsill jikkomunika ma' GreenPak fejn jigu nfurmata li l-Kunsill ghad m'ghandux risposta bil-miktub min ghandhom li ma jsibux oggezzjoni ghat-talba tal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex l-iskart nhar ta' Tlieta jingabar aktar kmieni.

11.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Avukat tal-Kunsill ghandu jigi mfakkar li l-Kunsill ghadu qed jistenna twegiba dwar il-kaz ta' tibdil tal-hin tal-gbir ta' l-iskart irriciklat ta' nhar ta' Tlieta.

11.11. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li fil-Budget ghas-sena li gejja l-Kunsill ghandu jalloka fondi ghall-gnien ta' San Patrizju.

11.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.14. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li r-residenti ta' San Patrizju ghandhom jigu nfurmata li x-xoghol fuq il-gnien ta' San Patrizju ma tkompliex minhabba li ma kienx hemm fondi allokati izda l-Kunsill ser jara li jalloka fondi tul is-sena li gejja.

11.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.16. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

11.17. Il-mozzjoni ghaddiet.

11.18. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien ivvota kontra minhabba l-fatt li f'kazijiet ohra bhal meta kien talab li tigi rrangata l-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima, il-Kunsill kien qal li ma kienx hemm flus u r-residenti koncernata qatt ma gew infurmata u zied li ghalhekk ir-residenti m'ghandhomx jigu mwieghda ghal xoghol li jista' ma jsirx.

11.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li mhux kaz li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jaghmel uzu mill-laptop privat tieghu ghall-uzu tal-Kunsill u ghalhekk ipproponiet li ghandu jinxtara laptop. Il-kelliema staqsiet ukoll fejn qed tinzamm l-

external backup tad-data tal-Kunsill kif ukoll li kienet sorpriza li l-laptop li qed jintuza mis-Segretarju Ezekuttiv kien privat tieghu u mhux tal-Kunsill. Il-kelliema staqsiet ukoll fejn tinzamm il-back up tal-laptop.

11.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-backup qed izommha d-dar tieghu halli f'kaz ta' serq jew hruq fil-Kunsill, din ma tinqeridx ukoll u jkun inutli li tkun qed issir. Il-kelliem qal li ma kien qed jara xejn hazin li waqt il-laqgha tal-Kunsill jaghmel uzu mill-laptop sabiex jaghmel il-Minuti. Dwar il-back up tal-laptop il-kelliem qal li din ma tezistiex minhabba li dak huwa tieghu personali.

11.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-external backup tal-Kunsill ghandha tinzamm f'safe fil-bini tal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill ghandu jixtri deposit safe li jkun fire proof.

11.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li m'ghandu ebda oggezzjoni li din tinzamm fil-Kunsill u fil-fatt li l-ghada kienet ser tingieb lura l-Kunsill u tinzamm fil-Kunsill.

11.23. Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li minflok jinxtara laptop is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jaghmel uzu minn PC tal-Kunsill sabiex jittiehdu l-Minuti waqt il-laqgha tal-Kunsill.

11.24. Fuq dan is-suggeriment il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irtirat il-proposta taghha.

11.25. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa dwar il-kaz tal-parking bays fi Triq Mons Alfredo Mifsud.

11.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk ma jkunx hemm spazju adegwat il-Kunsill m'ghandux jimmarka l-parking bays bojod izda sofor biss quddiem il-garaxxijiet.

11.27. Il-Kunsillier Joe Brincat ilmenta li t-tabella tal-konkos bl-isem ta' Triq San Patrizju baqghet miksura u l-kuntrattur baqa' jinjora l-ordnijiet tal-Kunsill.

11.28. Is-Sindku Joe Zammit talab li l-Kunsill jivverifika mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk fondi ring fenced ghat-toroq jistghux jintuzaw sabiex isiru dawn it-tabelli tal-konkos.

11.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li hemm tabella tal-konkos miksura fi Triq il-President Anton Buttigieg.

11.30. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur J&K Contractor ghandu jintalab jirrangha billi ssir platform tal-konkos mad-dawra taghha.

11.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha ma' Rain Productions Ltd. dwar it-talba taghhom sabiex nhar il-31 ta' Dicembru 2010 jaghmlu kuncert fl-Ex Parade Ground.

11.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li r-residenti ta' Blokk 1, 2, 3, 4 u 5 ghandhom jigu nfurmata li dwar ir-Residential Parking Scheme il-Kunsill qed jistenna l-legal notice sabiex tibda tkun tista' tibda tigi nfurzata kif ukoll li l-parking spaces allokata ghar-residential ghandhom jigu mizbughha b'kulur isfar. Il-kelliem qal dan ix-xoghol jista' jsir mill-persuna assenjata mill-ETC.

11.37. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li hawn 6 palmiet kbar fil-lokal li nqerdu bil-bumunqar u li hemm bzonn li jitnehhew.

11.40. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar dan il-kaz il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-kelliem qal li jekk il-Kunsill jibqa' minghajr twegiba, il-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti b'dan kollu. Il-kelliem qal li sfortunatament Malta kollha hija nfestata fil-bumunqar.

11.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghal dak li qed jigri nhar ta' Tlieta fejn ghad hemm numru ta' familji li mhux qed jikkoperaw u qed johorgu l-borza s-sewda fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat Kongunt LES sabiex nhar ta' Tlieta jigi provdut Green Warden sabiex tittiehed azzjoni kontra min qed johrog il-borza s-sewda ta' l-iskart.

11.42. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.44. Is-Sindku Joe Zammit talab li l-kuntrattur Shawn Farrugia ghandu jigi mfakkar sabiex tinzabar il-harruba li hemm fil-passagg pedonali ta' Triq Sir Luigi Preziosi.

11.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat regghet irreferiet ghad-diskussjoni li saret aktar kmieni fejn qalet li l-laptop tas-Segretarju Ezekuttiv m'ghandux jingieb il-Kunsill jew jintuza ghal xoghol tal-Kunsill.

11.46. Is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet diga giet approvata aktar kmieni.

11.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex biswit il-harruba tigi nstallata lampa tad-dawl ma' l-arblu li hemm fil-passagg pedonali li hemm bejn Triq Jum Pembroke u Triq Sir Luigi Preziosi.

11.48. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

11.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.50. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-11.10pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |